

Il-Ġurnal Uffiċjali C 168

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 53
26 ta' Ġunju 2010

Avviż Nru

Werrej

Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2010/C 168/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5885 – Altarea/Predica/ABP/Aldeta) ⁽¹⁾	1
---------------	---	---

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2010/C 168/02	Rata tal-kambju tal-euro	2
2010/C 168/03	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-organizzazzjoni awtorizzata biex toħroġ iċ-ċertifikati tal-oriġini fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 891/2009	3
2010/C 168/04	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea tal-Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru ⁽¹⁾ (<i>Pubblikazzjoni ta' titli u referenzi ta' speċifikazzjonijiet tal-Komunità skont ir-Regolament</i>)	3

MT

Prezz:
3 EUR

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2010/C 168/05	Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuniet mill-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001	4
---------------	---	---

V Avviżi

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Il-Qorti tal-Ġustizzja

2010/C 168/06	Sejħa għal kandidaturi għall-pożizzjoni ta' Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	6
---------------	---	---

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2010/C 168/07	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5924 – Trident/Hellman & Friedman/Sedgwick) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata ⁽¹⁾	8
2010/C 168/08	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5889 – United Air Lines/Continental Airlines) ⁽¹⁾	9

ATTI OĦRAJN

Il-Kummissjoni Ewropea

2010/C 168/09	Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel	10
---------------	---	----



⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

*(Komunikazzjonijiet)*KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Każ COMP/M.5885 – Altarea/Predica/ABP/Aldeta)****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 168/01)

Fit-22 ta' Ġunju 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Franċiż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fiha. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
 - f-forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm>) fid-dokument li jgħib in-numru 32010M5885. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.
-

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

Il-25 ta' Ġunju 2010

(2010/C 168/02)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,2294	AUD	Dollaru Awstraljan	1,4219
JPY	Yen Ġappuniż	109,99	CAD	Dollaru Kanadiż	1,2799
DKK	Krona Daniża	7,4434	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,5631
GBP	Lira Sterlina	0,82360	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,7422
SEK	Krona Żvediża	9,5610	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,7113
CHF	Frank Żvizzeru	1,3533	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 494,35
ISK	Krona İzlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	9,3975
NOK	Krona Norveġiża	7,9885	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	8,3476
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,1993
CZK	Krona Ċeka	25,795	IDR	Rupiah Indoneżjan	11 152,12
EEK	Krona Estona	15,6466	MYR	Ringgit Malażjan	3,9943
HUF	Forint Ungeriż	285,00	PHP	Peso Filippin	57,110
LTL	Litas Litwan	3,4528	RUB	Rouble Russu	38,3100
LVL	Lats Latvjan	0,7085	THB	Baht Tajlandiż	39,839
PLN	Zloty Pollakk	4,1235	BRL	Real Brażiljan	2,1879
RON	Leu Rumun	4,2860	MXN	Peso Messikan	15,6183
TRY	Lira Turka	1,9440	INR	Rupi Indjan	56,9030

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-organizzazzjoni awtorizzata biex toħroġ iċ-ċertifikati tal-orijini fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 891/2009

(2010/C 168/03)

Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 tal-25 ta' Settembru 2009, ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 254 tas-26 ta' Settembru 2009, infetħet kwota tariffarja għall-importazzjoni taz-zokkor li joriġina mill-Brażil.

L-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 jistipula li r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-prodotti importati taħt din il-kwota għandu jkun suġġett għat-tressiq ta' ċertifikat tal-orijini.

L-awtorità li ġeġja hija awtorizzata toħroġ iċ-ċertifikati tal-orijini fil-kuntest ta' dan ir-Regolament.

Ministério do Desenvolvimento, Indústria e Comércio Exterior — MDIC
Departamento de Operações de Comércio Exterior — DECEX
Esplanada dos Ministérios, Bloco J, sala 306
Brasília — DF
CEP 70053-900
BRASIL

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea tal-Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru ⁽¹⁾

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(Pubblikazzjoni ta' titli u referenzi ta' speċifikazzjonijiet tal-Komunità skont ir-Regolament)

(2010/C 168/04)

Organizzazzjoni	Referenza	Numru edizzjoni	Titlu tal-ispeċifikazzjonijiet tal-Komunità	Numru tal-edizzjoni
ETSI ⁽ⁱ⁾	EN 303 212	V1.1.1	Airport Collaborative Decision Making (A-CDM) (it-teħid tad-deċiżjonijiet kollaborattivi mill-Ajruport); Speċifikazzjoni tal-Komunità għall-applikazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 dwar l-Interoperabbiltà tal-Ajru Uniku Ewropew ⁽ⁱⁱ⁾	Ġunju 2010

⁽ⁱ⁾ European Telecommunications Standards Institute (Istitut tal-Istandards tat-Telekomunikazzjonijiet Ewropej): 650 Route des Lucioles, 06921 Sophia Antipolis Cedex, FRANCE, tel. +33 492944200, fax +33 493654716.

⁽ⁱⁱ⁾ <http://www.etsi.org>

⁽¹⁾ ĠU L 96, 31.3.2004, p. 26.

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuniet mill-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001

(2010/C 168/05)

Għajnunata Nru: XA 77/10

mġarrba mill-użu ta' materjali tradizzjonali meħtieġa biex jiġu ppriservati l-karatteristiċi tal-wirt tal-ass.

Stati Membri: Ir-Renju Unit**Reġjun:** L-Iskozja

Titolu tal-iskema ta' għajnunata jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnunata individwali: Loch Lomond & The Trossachs National Park Natural Heritage Grant Scheme 2010

Bażi legali:

National Parks (Scotland) Act 2000.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006.

Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnunata individwali mogħtija lill-impriża: In-nefqa annwali mill-1 ta' April 2010 sal-31 ta' Marzu 2011 hija mistennija li tkun GBP 90 000,00 (EUR 102 065,15) u l-ammont mogħti lil benefiċjarju individwali ma jaqbiżx l-GBP 20 000,00 (EUR 22 683,95).

Intensità massima tal-għajnunata:

L-għajnunata se tkun disponibbli biss għal investimenti li jipproteġu jew itejbu l-wirt naturali. L-għajnunata tista' titħallas bir-rati li ġejjin:

- (1) F'każijiet meta tingħata għajnunata għal ass mhux produttiv, ir-rata tal-għajnunata se tkun 100 % skont l-Artikolu 5.2 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006.
- (2) F'każijiet meta investimenti jew xogħlijiet kapitali għandhom l-intenzjoni li jippreservaw il-karatteristiċi ta' wirt ta' assi produttivi, bħall-bini ta' azjendi agrikoli, l-għajnunata tista' tingħata b'75 % fi ħdan Żoni Żvantaġġati (LFAs) jew 60 % barra mil-LFAs tal-ispejjeż reali mġarrba, sakemm l-investiment ma jkunx iwassal għal kwalunkwe żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni skont l-Artikolu 5.3 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006. Dan għandu japplika fir-rigward tannefġiet eliġibbli mit-twettiq tax-xogħol rilevanti bl-użu ta' materjali kontemporanji normali. Tista' tingħata għajnunata addizzjonali b'rata sa 100 % biex tkopri l-ispejjeż żejda

- (3) Meta jkun hemm żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni, ir-rata tal-għajnunata ma taqbiżx il-50 % fi ħdan l-LFAs jew l-40 % barra l-LFAs (flimkien ma' 10 % f'kull każ għall-investimenti li jsiru minn bdiewa żgħażaġh fi żmien ħames snin ta' stabbiliment) tal-investimenti eliġibbli, skont l-Artikolu 4.2 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006. Dan għandu japplika fir-rigward tannefġiet eliġibbli mit-twettiq tax-xogħol rilevanti bl-użu ta' materjali kontemporanji normali. Tista' tingħata għajnunata addizzjonali b'rata sa 100 % biex tkopri l-ispejjeż żejda mġarrba mill-użu ta' materjali tradizzjonali meħtieġa biex jiġu ppriservati l-karatteristiċi tal-wirt tal-ass.

Id-deċiżjoni dwar ir-rata tal-għajnunata li se tingħata se ssir abbażi ta' każ każ, fejn kull każ ikun ivvalutat jekk huwiex ass mhux produttiv, ass produttiv, se jirriżulta f'żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni, huwa fi ħdan jew barra l-LFA, u jekk l-applikant huwiex bidwi żaġhżuġh fi żmien ħames snin tal-istabbiliment.

Data tal-implimentazzjoni: is-6 ta' Mejju 2010 (jew hekk kif l-approvazzjoni tal-KE tkun żgurata).

Tul ta' żmien tal-għajnunata individwali:

L-iskema se tagħlaq għall-applikazzjonijiet il-ġodda fis-16 ta' Marzu 2011.

L-aħħar ħlas lill-applikanti se jsir fil-31 ta' Marzu 2011.

Għan tal-għajnunata: The Natural Heritage Grant Scheme (L-Iskema ta' Għajnunata għal Wirt Naturali) hija skema ta' għajnunata kapitali mfassla biex tħeġġeġ u taġhti appoġġ għal miżuri li jippreservaw u jtejbju l-wirt naturali ta' Loch Lomond & The Trossachs National Park, u biex tippromwovi l-apprezzament u t-tgawdija tal-kwalitajiet speċjali tiegħu. Il-Pjan statutorju tal-Park Nazzjonali jindika l-attivitajiet partikolari li se jiġu kkunsidrati bħala prijorità għall-assistenza biex jintlaħqu l-għajnijiet u dan huwa skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006.

Settur jew setturi benefiċjarji: Il-produtturi agrikoli kollha (SMEs) irreġistrati fl-IACS fil-Park Nazzjonali.

Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:

Loch Lomond & The Trossachs National Park Authority
National Park Headquarters
Carrochan Road
Balloch
Glasgow
Scotland
G83 8EG
UNITED KINGDOM

Indirizz tal-Internet:

<http://www.lochlomondtrossachs.org/images/stories/Looking%20After/PDF/NHGS/NHGS%20notes%20appendix.pdf>

Informazzjoni oħra: Din mhijiex skema ġdida imma estensjoni tal-iskema XA 182/07 li kienet teżisti qabel. L-unika bidla proposta hija li l-iskema li kienet teżisti minn qabel tiġi estiża b'sena u l-baġit jżied b' GBP 90 000. L-appoġġ tekniku li kien parti mill-XA 182/07 ma ġiex estiż għas-sena addizzjonali ta' din l-iskema.

V

(Avviżi)

PROCÈDURI AMMINISTRATTIVI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

SEJĦA GĦAL KANDIDATURI

għall-pożizzjoni ta' Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

(2010/C 168/06)

Il-pożizzjoni ta' Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ser ikun vakanti fi żmien qasir. Ir-Reġistratur ser jinħatar skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 12 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Ir-Reġistratur jinħatar għal perijodu ta' sitt snin. L-istatus tiegħu u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tiegħu huma rregolati mill-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u mir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll mis-sistema ta' emolumenti tal-membri tal-Kummissjoni u tal-Qorti tal-Ġustizzja (Regolament Nru 422/67/KEE tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967).

Natura tad-dmirijiet

Ir-Reġistratur jgħin lill-Qorti tal-Ġustizzja fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji tagħha. Għal dan il-għan, huwa jiżgura l-funzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 17 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Barra minn hekk, ir-Reġistratur huwa s-Segretarju Ġenerali tal-istituzzjoni, li hija komposta minn tliet qrati: il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali u t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. Taħt l-awtorità tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa jiżgura l-amministrazzjoni tal-istituzzjoni u jmexxi l-persunal u d-dipartimenti tagħha. Huwa jeżerċita, b'delega tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-funzjoni ta' persuna responsabbli għall-appropriazzjonijiet li jinsabu fil-baġit tal-istituzzjoni.

Kompetenzi mitluba

Il-kandidati għandhom:

- ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;
- ikollhom formazzjoni sħiħa fil-liġi ċċertifikata b'lawrea universitarja kif ukoll konoxxenza approfondita tad-dritt tal-Unjoni Ewropea u tal-funzjonament tal-qrati tagħha;
- ikollhom 15-il sena esperjenza professjonali, li parti sinjifikattiva minnhom tkun f'inkarigi ta' responsabbiltà ta' livell għoli ħafna;
- ikollhom konoxxenza tajba ħafna tal-lingwa Franċiża u konoxxenza tajba ta' lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea. Konoxxenza ta' lingwi uffiċjali oħra tiġi apprezzata.

Preżentazzjoni ta' kandidaturi

Il-kandidaturi għandhom jaslu għand il-Qorti tal-Ġustizzja, permezz tal-posta elettronika biss, f'dan l-indirizz elettroniku Greffier.CJUE@curia.europa.eu mhux iktar tard minn **18 ta' Lulju 2010**. Il-kandidaturi għandhom ikollhom magħhom *curriculum vitae* li jagħti l-informazzjoni kollha dwar l-età, in-nazzjonalità, il-kwalifiki universitarji, il-konnoxxenzi lingwistiċi, l-impjiegi attwali u preċedenti kif ukoll l-esperjenza ġudizzjarja u internazzjonali eventwali tal-kandidati.

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5924 – Trident/Hellman & Friedman/Sedgwick)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/C 168/07)

1. Fit-18 ta' Ġunju 2010, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriżi Hellman & Friedman Capital Partners VI, L.P. ("HFCP VI", ir-Renju Unit), waħda mill-fondi ta' investment privati kkontrollata minn Hellman & Friedman LLC (dawn il-fondi, kollettivament ma' Hellman & Friedman LLC, "H&F", l-Istati Uniti tal-Amerika) u Trident IV, L.P. ("Trident IV", l-Istati Uniti tal-Amerika), waħda mill-fondi ta' investment privati kkontrollata minn Stone Point Capital LLC (dawn il-fondi, kollettivament ma' Stone Point Capital LLC, "Trident", l-Istati Uniti tal-Amerika), fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, jakkwistaw kontroll konġunt ta' Sedgwick, Inc., inkluż il-kumpaniji varji li din tikkontrolla b'mod dirett jew indirett ("Sedgwick", l-Istati Uniti tal-Amerika), permezz ta' tmexxija jew kwalunkwe mezz oħrajn.

2. L-attivajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- H&F: fond ta' investment privat investment ta' kapital fit-tul f'negozji fi swieq li qed jikbru,
- Trident: fond ta' investment privat, investment fl-industriji tal-assigurazzjoni, tal-benefiċċji tal-impjegati u tas-servizzi finanzjarji,
- Sedgwick: topera fil-qasam ta' servizzi ta' amministrazzjoni terzi primarjament fis-swieq ta' kumpens tal-ħaddiema, diżabilità, responsabbiltà u swieq oħra relatati, fl-Istati Uniti u l-Kanada biss.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5924 – Trident/Hellman & Friedman/Sedgwick, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.5889 – United Air Lines/Continental Airlines)
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2010/C 168/08)

1. Fil-21 ta' Ġunju 2010, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża United Air Lines, Inc. ("United", l-Istati Uniti tal-Amerika) tidħol f'amalgamazzjoni legali sħiħa ma' Continental Airlines, Inc. ("Continental" l-Istati Uniti tal-Amerika) skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
 - għal United: provvista ta' servizzi tal-ajru għall-passiġġieri u merkanzija, kif ukoll il-provvista ta' servizzi oħra (manutenzjoni, tiswija u eżaminazzjoni bir-reqqa qabel it-tiswija ta' inġenji tal-ajru),
 - għal Continental: provvista ta' servizzi tal-ajru għall-passiġġieri u merkanzija, kif ukoll il-provvista ta' servizzi oħra (manutenzjoni, tiswija u eżaminazzjoni bir-reqqa qabel it-tiswija ta' inġenji tal-ajru).
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taq' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5889 – United Air Lines/Continental Airlines, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orijini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel

(2010/C 168/09)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt għall-oġġezzjoni għall-applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ⁽¹⁾. Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

APPLIKAZZJONI GĦAL EMENDA

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006

Applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 9

“ROBIOLA DI ROCCAVERANO”

Nru tal-KE: IT-PDO-0217-0024-13.09.2005

IĠP () DPO (X)

1. Intestatura tal-ispeċifikazzjoni affettwata mill-emenda:

- Isem il-prodott
- Deskrizzjoni tal-prodott
- Żona ġeografika
- Prova tal-orijini
- Metodu ta' produzzjoni
- Rabta
- Tikkettar
- Kundizzjonijiet nazzjonali
- Oħrajn (għandu jiġi ppreċiżat)

2. Tip ta' emenda:

- Emenda tad-dokument uniku jew tas-sinteżi
- Emenda tal-ispeċifikazzjoni tad-DPO jew l-IĠP irreġistrata, li għaliha la d-dokument uniku u lanqas is-sinteżi ma ġew ippubblikati

⁽¹⁾ ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

- Emenda tal-ispeċifikazzjoni li ma għandhiex bżonn emendi tad-dokument uniku ppubblikat (l-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)
- Emenda temporanja tal-ispeċifikazzjoni li tirriżulta mill-adozzjoni ta' miżuri sanitarji jew fito-sanitarji imposti mill-awtoritajiet pubbliċi (l-Artikolu 9(4) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

3. **Emenda/i:**

3.1. *Deskrizzjoni tal-prodott:*

Qed tiġi introdotta l-possibbiltà li tizzied il-maturazzjoni tal-prodott.

Għalkemm l-ispeċifikazzjoni preċedenti ma ssemmix il-maturazzjoni tal-prodott, il-proċedura li parti mill-produzzjoni tar-Robiola di Roccaverano tkun soġġetta għall-maturazzjoni għal perjodi li jvarjaw, issa saret komuni u din hija apprezzata ħafna mill-konsumaturi. Din il-prattika tqajjem mill-ġdid tradizzjoni antika.

Id-daqs tal-qoxra ta' barra tal-ġobon huwa emendat. L-ġholi tal-ġenb ta' barra naqas minn 4 ċentimetri għal 2,5 ċentimetri. Din il-bidla kienet meħtieġa minħabba li fl-aħħar snin żdiedet konsiderevolment il-kwantità tar-Robiola li kienet qed tiġi prodotta mill-ħalib tal-mogħoż biss. Barra minn hekk, għal darb'oħra qed jintużaw ħafna iktar il-kontenituri magħrufa bħal "bicchieroni", jew bid-djalett lokal "pignatin" għall-koagulazzjoni. Dawn il-kontenituri b'kapaċità massima ta' żewġ (2) litri, jifilħu massimu ta' 1,8 litri ta' ħalib. L-użu ta' dawn il-kontenituri għas-sinerezi tax-xorrox, karatteristika tar-Robiola di Roccaverano, ma jippermettix li l-kontenituri jintlew sa fuq nett bil-ħalib. Barra minn hekk, meta jintuża esklussivament jew prevalentement il-ħalib tal-mogħoż, il-karatteristiċi kimiċi u fiżiċi tal-ħalib jipproduċu qoxra ta' barra rqaq meta mqabbel mar-Robiola di Roccaverano magħmul mill-ħalib tal-baqar jew tan-nagħaġ.

3.2. *Metodu ta' produzzjoni:*

Il-kontenut ta' xaħam minimu bħala perċentwal tas-sustanza niexfa tnaqqas minn 45 % għal 40 %. Anke din il-bidla hija marbuta mal-fatt li fl-aħħar snin, żdied konsiderevolment il-perċentwali ta' Robiola prodott esklussivament jew parzjalment mill-ħalib tal-mogħoż. Bħala medja, il-ħalib tal-mogħoż għandu inqas kontenut ta' xaħam bħala perċentwali tal-prodott xott.

Anke l-kontenut tal-proteina u tal-irmied kien emendat bħala perċentwali. Ir-Robiola di Roccaverano minn dejjem sar bil-ħalib li jkun disponibbli fuq l-azjenda, irrispettivament mill-ispeċijiet tal-annimali. Għalhekk, ir-Robiola huwa ġobon magħmul mit-tibqit aċidu tal-ħalib imħallat (tal-mogħoż, tan-nagħaġ u tal-baqar) li l-karatteristiċi tagħhom huma determinati mhux biss mit-teknoloġija użata fil-produzzjoni iżda anke mill-proporzjonijiet tat-tliet tipi ta' ħalib użati. Għalhekk, il-perċentwal tas-sustanzi tal-proteini u l-irmied huma influwenzati ħafna mit-tip ta' ħalib użat.

Il-perċentwal tal-proporzjon massimu tal-ħalib tal-baqar li jista' jintuża naqas minn 85 % għal 50 %. Anke l-proporzjon massimu tal-ħalib tan-nagħaġ li jista' jintuża inbidel u issa dan ma jistax ikun iktar minn 50 %. Dawn it-tibdiliet huma neċessarji minħabba li diġà fis-snin disgħin, il-baqar u n-nagħaġ kienu diġà qed jisparixxu mill-azjendi fiż-żona jew in-numru tagħhom kien qed jonqos konsiderevolment u jkun sostitwit bil-mogħoż. Hemm ħafna raġunijiet għal dan it-tibdil. Fost dawn insibu n-nefqa iżgħar għall-faċilitajiet u l-ġestjoni tat-trobbija tal-mogħoż, il-fatt li l-mogħoż huma bhejjem iktar b'saħħithom u l-possibbiltà tal-użu ta' mergħat vasti mhux ikkultivati fiż-żona, li ċertament mhumiex raġunijiet sekondarji. Barra minn hekk, din l-għażla hija marbuta ma' ritorn għat-tradizzjonijiet antiki ta' territorju tal-produzzjoni tar-Robiola di Roccaverano fejn bejn l-1950 u l-1960, it-trobbija tal-baqar u n-nagħaġ kienet baxxa ħafna u kważi esklussiva għat-trobbija ta' bhejjem għax-xogħol tat-tagħbija filwaqt li t-trobbija tal-mogħoż kienet Prattikata fuq skala wiesgħa. Barra minn hekk, il-produtturi għamlu użu minn din il-bidla fl-ispeċifikazzjonijiet li kienet approvata provviżorjament, raw titjib fil-kwalità tal-prodott kummerċjalizzat (li rebaħ premijiet f'għadd ta' avvenimenti nazzjonali u internazzjonali) u konsegwentement kien hemm żieda fl-għadd ta' produtturi u azjendi ġodda mmexxija minn bdiewa żgħażaġh fiż-żona marġinali u żvantaġġata ta' Langa Astigiana u l-irħula ta' madwar.

Il-baqar, in-nagħaġ u l-mogħoż li jintużaw għall-produzzjoni tar-Robiola di Roccaverano iddaħħlu kemm fis-sinerezi kif ukoll fl-ispeċifikazzjoni; kienet speċifikata wkoll l-alimentazzjoni tal-bhejjem.

3.3. Żona ġeografika:

Fis-sinteżi, iż-żona ġeografika ġiet deskritta f'aktar dettall biex tikkonforma mar-regola l-ġdida.

3.4. Prova tal-orijini:

Fis-sinteżi u fl-ispeċifikazzjoni, kienet iċċarata fid-dettall il-prova tal-orijini kif mitlub mir-Regolament tal-Komunità.

3.5. Rabta:

Fis-sinteżi u fl-ispeċifikazzjoni, ingħatat informazzjoni li turi li r-Robiola di Roccaverano joriġina fiż-żona ġeografika u ingħataw ukoll dettalji dwar ir-rabta. Din l-informazzjoni diġà hija disponibbli għall-Kummissjoni minħabba li ngħatat fid-dokumentazzjoni li abbażi tagħha saret ir-reġistrazzjoni.

3.6. Tikkettar:

Ir-regoli speċjali dwar it-tikkettar huma spjegati fid-dettall, flimkien mal-kodiċi li jidentifika l-azzjenda u l-logo tad-denominazzjoni tal-orijini biex ikun żgurat li l-prodott jintgħaraf minnufih u li jggarantixxu lill-konsumaturi informazzjoni ċara u komprensiva.

Barra minn hekk, il-perċentwali differenti tal-ħalib użat għandhom jidhru fuq it-tabella sabiex l-ingredjenti tal-ġobon ikunu iktar ċari u trasparenti, anke minħabba li matul dawn l-aħħar snin, it-tendenza tal-allerġiji u l-intolleranzi għall-ikel qiegħda dejjem tikber.

3.7. Oħrajn:

Għandu jkun ċar li l-ippakkjar għandu jsir fiż-żona tal-produzzjoni minħabba li huwa impossibbli li fil-mument tal-produzzjoni, il-ġobon jiġi mmarkat b'mod permanenti minħabba li ma jkollux qoxra u jkun frisk u artab. In-nuqqas ta' qoxra jesponi wkoll lill-ġobon għar-riskju ta' deidratazzjoni, ossidazzjoni u deterjorazzjoni tal-kontenut tax-xaħam.

SINTEŻI

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006

"ROBIOLA DI ROCCAVERANO"

Nru tal-KE: IT-PDO-0217-0024-13.09.2005

DPO (X) IĠP ()

Din is-sinteżi tagħti l-elementi ewlenin tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott b'għan informattiv biss.

1. Dipartiment responsabbli fl-Istat Membru:

Isem: Ministero delle politiche agricole e forestali
Indirizz: Via XX Settembre 20
00187 Roma RM
ITALIA
Tel. +39 0646655104
Fax +39 0646655306
Posta elettronika: sacco7@politicheagricole.gov.it

2. Assoċjazzjoni:

Isem: Consorzio per la Tutela del Formaggio Robiola di Roccaverano
Indirizz: Via Roma 8
Roccaverano AT
ITALIA
Tel. +39 014488465
Fax +39 014493350
Posta elettronika: info@robioladiroccaverano.com
Kompożizzjoni: Produtturi/proċessuri (X) oħrajn ()

3. Tip ta' prodott:

Klassi 1.3 – Ġobon

4. Speċifikazzjoni:

(sinteżi tar-rekwiżiti skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

4.1. Isem:

“Robiola di Roccaverano”

4.2. Deskrizzjoni:

Ir-Robiola di Roccaaverano jiġi prodott matul is-sena kollha u huwa ġobon frisk magħmul minn baqta immaturat u raffinat.

Id-DPO “Robiola di Roccaverano” għandu forma ċilindrika bil-wiċċ ċatt u kemmxejn irregolari bil-qoxra tal-ġenb kważi dritta kemmxejn kunvessa. Id-dijametru tal-uċuħ hu bejn 10 u 14-il ċentimetru, l-għoli tal-qoxra tal-ġenb hu ta' bejn 2,5 u 4 ċentimetri; Il-piż ivarja minn 250 sa 400 gramma.

Il-kriterji ta' referenza għar-Robiola di Roccaverano rigward xaħam, is-sustanzi tal-proteina u tal-irmied huwa kif ġej:

Xaħam: minimu ta' 40 % tas-sustanza niexfa

Is-sustanzi tal-proteina: minimu ta' 34 % tal-materja niexfa

L-irmied: minimu ta' 3 % tal-materja niexfa.

Il-karatteristiċi sensorji tal-ġobon “Robiola di Roccaverano” ivarjaw skont il-livell ta' maturazzjoni li jgħaddi minnu:

prodott frisk immaturat bejn erba' u għaxart ijiem: qoxra: din tista' tkun preżenti fil-forma ta' moffa naturali ħafifa jew jista' ma jkunx hemm qoxra; dehra esterna: abjad kulur il-ħalib jew isfar kulur it-tiben; konsistenza: kulur abjad bħall-ħalib; struttura: kremuża u ratba; togħma u aroma: delikata, mimlija togħma u/jew kemm kemm aċiduża.

prodott raffinat għal ħdax-il ġurnata jew iktar wara l-maturazzjoni: qoxra: fil-forma ta' moffa naturali ħafifa; dehra esterna: bajda kremuża, safra kulur it-tiben jew ftit ħamranija; konsistenza: kulur abjad bħall-ħalib; struttura: ratba li ssir ftit kompatta matul il-proċess tal-maturazzjoni, li tista' tkun kremuża taħt il-qoxra li għandha togħma qawwija.

4.3. Żona ġeografika:

Iż-żona ġeografika tinkludi t-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin: il-provinċja ta' Asti: Bubbio, Cessole, Loazzolo, Mombaldone, Monastero Bormida, Olmo Gentile, Roccaverano, San Giorgio Scarampi, Serole u Vesime; il-provinċja ta' Alessandria: Castelletto d'Erro, Denice, Malvicino, Merana, Montechiaro d'Acqui, Pareto, Ponti, Spigno Monferrato u t-territorju tal-muniċipalità ta' Cartosio fuq ix-xellug tan-nixxiegħa Erro.

4.4. Prova tal-orijini:

Kull fażi tal-proċess tal-produzzjoni tiġi mmonitorjata billi jiġi ddokumentat kull element li jiddaħħal u kull prodott li joħroġ. B'dan il-mod, u permezz ta' tniżżil f'listi speċifiċi, ġestiti mill-organu ta' spezzjoni, tal-bdiewa li jrabbu l-bhejjem, il-produtturi, dawk li jieħdu ħsieb il-maturazzjoni u ta' dawk li jippakkjaw, kif ukoll permezz tan-notifika immedjata lill-organu ta' spezzjoni tal-kwantitajiet li ġew prodotti, tiġi ggarantita t-traċċabbiltà tal-prodott. Merghat, artijiet mimlija ħaxix u msaġar għandhom ikunu inklużi fir-reġistri miżmuma mill-Organu ta' kontroll. Il-persuni kollha, kemm naturali kif ukoll legali, imniżżla fil-listi relatati, għandhom ikunu suġġetti għall-kontroll min-naħa tal-organu ta' spezzjoni.

4.5. Metodu ta' produzzjoni:

Ir-Robiola di Roccaverano huwa magħmul minn ħalib sħiħ mhux ipproċessat tal-mogħoż tar-razez Roccaverano u Camosciata Alpina u t-tniissil minnhom, tan-nagħaġ tar-razza Pecora delle Langhe u tal-baqar tar-razez Piemontese u Bruna Alpina u t-tniissil minnhom imrobbija esklussivament fiż-żona ta' produzzjoni skont il-perċentwali li ġejjin: ħalib sħiħ nej tal-mogħoż waħdu jew imħallat b'sa massimu ta' 50 % ta' ħalib sħiħ mhux ipproċessat tal-baqar u/jew tan-nagħaġ sa massimu ta' 50 %, prodott mill-proċess tal-ħlib tal-baqar li jsir f'perjodu ta' bejn 24 u 48 siegħa. Il-perċentwali tat-tipi ta' ħalib differenti użati fil-ġobon għandhom ikunu indikati wkoll fuq it-tikketta.

In-nagħaġ u l-mogħoż jitħallew jirgħu bejn l-1 ta' Marzu u t-30 ta' Novembru u jintemgħu ħxejjex u/jew għalf ipproċessat u ċereali friski u pproċessati, legumi u pjanti żejtnija u l-prodotti derivati minnhom. Il-baqar jitħallew jirgħu u jintemgħu ħxejjex u/jew għalf ipproċessat, ċereali friski jew ipproċessati, legumi u pjanti żejtnija u l-prodotti derivati minnhom.

Iktar minn 80 % ta-alimentazzjoni tal-annimali kollha għandha tiġi miż-żona ta' produzzjoni

Mal-ħalib jiżdied it-tames tal-annimali wara li jinbada l-proċess l-aċidifikazzjoni f'temperatura bejn 18 u 24 °C. Wara l-ħalib jitħalla jsir baqta għal bejn 8 u 36 siegħa skont il-kundizzjonijiet tat-temp u tal-ambjent. Il-baqta titħalla fil-forom sa 48 siegħa u tinqaleb regolarment biex titħaffef l-estrazzjoni tax-xorrox.

It-tmelliħ għandu jsir fuq il-prodott niexef u fuq iż-żewġ uċuħ meta l-ġobniet jinqalbu jew fl-aħħar tal-perjodu meta l-prodott ikun fil-forom. Il-maturazzjoni naturali titwettaq billi l-prodott frisk jiġi ppriservat f'postijiet apposta għal mill-inqas tlett ijiem mill-mument meta jitpoġġew fil-forom. Mir-raba' ġurnata, minn meta l-ġobon jitpoġġa fil-forom, jistgħu jinbiegħu jew jitħallew jimaturaw jew fl-azjenda jew il-lokalità tar-raffinaturi. Ir-Robiola di Roccaverano huwa meqjus raffinat mill-għaxar jum minn meta jitpoġġa fil-forom.

Il-ġobon għandu jkun ippakkjat fiż-żona tal-produzzjoni minħabba li l-istruttura friska u ratba tiegħu u mingħajr qoxra joħlqu riskji ta' deidratazzjoni, ossidazzjoni u deterjorazzjoni tal-kontenut tax-xaħam.

Barra minn hekk, fil-mument tal-produzzjoni huwa impossibbli li l-prodott ikun immarkat minħabba li ma jkollux qoxra.

4.6. Rabta:

Il-ħamrija hija taflija b'saff ta' ħamrija taħt magħmula minn taħlita ta' tafal u kalċju. F'ċerti nħawi, il-movimenti tal-art iproduċew ħamrija kolluvjali b'saff taflil fond ħafna u fertili ħafna b'kapaċità għolja tal-ilma. Il-klima hija tipika tal-kontinent li tikkonsisti fi xtiewi kesħin ħafna karatterizzati minn ħafna keshha, borra bl-abbundanza, u spiss is-silġ jagħqad u jinħall b'mod suċċessiv fix-xitwa. Is-sjuf huma karatterizzati minn temperaturi għoljin li jintlaħqu f'daqqa lejn l-aħħar ta' Ġunju. Il-preċipitazzjonijiet atmosferiċi ma tantx ivarjaw u kull sena tinżel madwar 300 mm ta' xita. Fir-rebbiegħa u s-sajf ftit li xejn tinżel xita u dan jista' jwassal għal nixfiet serji.

Dan l-ambjent pedoklimatiku jiproduċi l-massa tal-ħxejjex tipiċi li jinkisbu mill-għelieqi u l-mergħat. Dan ifisser mergħat polifiti kkultivati bi kwantità kbira ta' ħaxix (madwar 75 %) u legumi (madwar 25 %) flimkien ta' varjetà ta' pjanti aromatiċi u mediċinali. Il-ħxejjex ewlenin huma: is-sikrana (*Lolium* spp.) is-sieq is-serduk (*Dactylis glomerata*), iż-żwien tal-ġenus (*Festuca* spp.), il-mellieġ (*Poa* spp.), u l-ħaxix b'riħa tfuħ u bi fjuri sofor li jikbru fil-muntanji, eċċ. Il-legumi ewlenin huma: Is-silla tal-muntanji (*Trifolium montanum*), sieq il-ħamiema (*Lotus corniculatus*), il-millefolju (*Achillea* spp.) eċċ. Fost il-ħxejjex aromatiċi u profumati minbarra l-ħaxix b'riħa tfuħ, hemm ukoll il-varjetà tal-umbelliferi bħall-karotta selvaġġa (*Daucus carota carota*), pjanti bix-xewk (*Cirsium arvense*), is-salvja (*Salvia officinalis*), il-lavanda (*Lavandula latifolia*), diversi tipi ta' saġhtar (*Thymus* spp.), il-fejġel (*Ruta graveolens*), il-frotta tal-ballarina (rosehip) (*Rosa canina canina*) etc. Din it-taħlita ta' pjanti għall-għalf bil-bilanċ naturali tagħhom ta' idrokarboni, proteini u vitamini, tipprovdni għalf ta' kwalità għolja għall-azjendi tat-trobbija tan-nagħaġ, mogħoż u kif ukoll għall-baqar. Il-karatteristiċi partikolari tal-flora bl-irwejjaħ u t-toġhmiet differenti naturalment jinsabu wkoll fil-ħalib, jiġifieri li r-riħa tar-Robiola di Roccaverano tidistingwiha minn kwanlunkwe tip ta' ġobon ieħor.

In-nagħaġ u l-mogħoż jirgħu wkoll fl-imsaġar li minbarra li jipproteġu l-art, jipproteġu lill-animalli mis-sħana qawwija tas-sajf.

Manuskritt miktub mill-qassis Pistone fl-1899 jirrakkonta l-istorja tal-paroċċa ta' Roccaverone u l-irħula żgħar ta' madwar bejn id-960 u l-1860. Fost l-informazzjoni storika ta' rilevanza politika insibu wkoll elementi dwar l-ekonomija li jenfasizzaw l-importanza tar-Robiola bħall-fatt li l-muniċipalità ta' Roccaverano organizzat ħames fieri annwali. F'dawn l-avvenimenti, inbigħu għall-esportazzjoni "ġobniet Robiole eċċellenti". Il-manuskritt jirreferi speċifikament għall-esportazzjoni, minħabba li diġà f'dak iż-żmien ir-Robiola ma kienx magħruf biss fl-Italja iżda anke fi Franza. Jidher li r-"Robiola" kien meqjus sempliċiment bħala ġobon antik minħabba li l-karatteristiċi tiegħu kienu differenti minn dawk tal-ġobon l-ieħor kollu. Ir-Robiola magħmul b'mod artiġjanali jista' jinżamm għal sitt (6) xhur fiż-żejt f'vażetti tal-ħġieġ jew billi jitqiegħed fuq it-tiben.

4.7. Organu ta' spezzjoni:

Isem: I.N.O.Q.
Indirizz: Piazza Carlo Alberto Grosso 82
12033 Moretta CN
ITALIA

Tel. +39 0172911323
Fax +39 0172911320
Posta elettronika: inoq@isiline.it

4.8. Tikkettar:

Ladarba l-prodott ikun rilaxxat għall-konsum, il-pakkett ikun issiġillat b'tabella adeżiva bil-logo tal-isem fil-forma tal-ittra "R" stilizzata. Is-simbolu grafiku tal-ittra "R" kbira stilizzata b'kulur kannella u b'disinn ta' torri bil-bastjuni, ifakkru t-torri storiku tal-Comune di Roccaverano. l-għajn tal-ittra "R" tirrappreżenta forma ta' Robiola di Roccaverano u s-sieq ta' taħt hija ddekorata b'disinn isfar u aħdar li jirrappreżenta l-mergħat u l-andament tipiku tal-għoljiet ta' la Langa. Dan kollu huwa mdawwar b'ċirku aħdar skur li fih hemm miktub b'ittri bojod żgħar "Robiola di Roccaverano" u fil-biċċa t'isfel fin-nofs fjura żgħira bajda. Il-logo kollu huwa stampat fuq sfond abjad. Taħt il-logo hemm numru ta' kodiċi li jidentifika l-azjenda ta' produzzjoni u t-tikketta bin-numru tas-serje fuq sfond tal-okra għar-Robiola di Roccaverano magħmul minn ħalib tal-mogħoż biss u fuq sfond abjad għall-ġobon magħmul minn ħalib imħallat. Fuq it-tikketta huwa obbligatorju li jkun indikat id-diversi perċentwali tal-ħalib użat. Il-ġobon kollu għandu jkun ikkummerċjalizzat sħiħ, ippakkjat u bis-siġill.



PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġhti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġjiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

